MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-7 ta' Awwissu, 2013

Appell Civili Numru. 53/2011/1

**Conrad Axisa**

**v**

**Avukat Ġenerali;**
**Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern;**
**Kummissarju tal-Pulizija**

## Preliminari

**1.** Dan huwa appell tal-intimati Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija minn sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sede kostituzzjonali tagħha fl-20 ta' April 2012 li permezz tagħha ċaħdet l-ewwel ilment

bażat fuq il-fatt li l-Artikolu 401(1) tal-Kodiċi Kriminali mhux estiż ukoll għall-akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali iżda laqgħet it-tieni lment bażat fuq l-applikazzjoni tal-Artikolu 575(2)(3) għall-Avukat Ġenerali biss, billi ddikjarat li t-trattament differenti jikser id-dritt tar-rikorrent ta' *equality of arms* u dderiġiet lill-awtoritajiet kompetenti jirrimedjaw għal dan in-nuqqas fi żmien tliet (3) xhur mid-data tas-sentenza b'dan li fil-każ li sa tliet (3) xhur mill-istess data jibqa' ma jsir xejn l-Qorti tordna li, b'effett tal-istess sentenza, l-Artikolu 575A(2) u (3), għandu jitqies li jagħti l-istess dritt *mutatis mutandis* lill-akkużat. Il-Qorti ordnat li kopja tas-sentenza ghandha skont il-liġi tintbaghat lill-iskrivan tal-Kamra tar-Rappreżentanti biex titpoġġa fuq il-mejda tal-istess kamra bl-ispejjeż tal-kawża jitħallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

**<u>Rikors promotorju tar-rikorrent Conrad Axisa</u>**

**2.** Bir-rikors tiegħu tat-23 ta' Awissu 2011 ir-rikorrent Conrad Axisa talab lill-ewwel Qorti:
"Tiddikjara illi bil-fatti suesposti, ġew leżi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti kif sanċiti fil-Kostituzzjoni, senjatament l-Artikoli 34 u 39, kif ukoll l-Artiklu 5 u l-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;

"Tordna illi l-esponenti jingħata rimedju xieraq u effettiv għal tali ksur.

"Bl-ispejjeż".

**3.** Il-fatti miġjuba fir-rikors promotorju u li minnhom jilmentaw ir-rikorrent huma kif ġej:
"Illi l-esponenti tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar il-5 ta' Awissu akkuzat b'reati kontra l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u reati kontra l-persuna;

"Illi dakinhar tal-prezentata tieghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) huwa ma nghatax il-helsien mill-arrest principalment ghar-raguni illi x-xhud principali ma ngabx

mill-Pulizija sabiex jixhed, u ghaldaqstant, f'dak l-istadju baqa' ma xehedx;

"Illi l-kawza giet assenjata skond il-Ligi u s-smiegh gie appuntat ghal nhar it-22 ta' Awissu 2011 fl-10.30am;

"Illi fl-udjenza tat-22 ta' Awissu, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ddecidiet illi x-xhud principali ma huwiex xhud kompetenti f'dan l-istadju u ma setax jixhed qabel jinqatghu l-proceduri li skond l-ispettur Borg kienu ser jigu istitwiti fil-konfront tieghu, izda li kienu ghadhom ma nbdewx, u ghaldaqstant, f'din l-udjenza xehed biss l-ispettur Jesmond Borg. Sussegwentement, it-talba ghall-helsien mill-arrest tal-esponenti giet ghal darba ohra michuda, minhabba inter alia, '*biza' ta' ntralc ta' provi*', u l-atti tal-kawza gew differiti ghas-7 ta' Settembru 2011;

"Illi *ai termini* tal-provviso tal-Artikolu 401 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'referenza ghall-Qorti Istruttorja: "*izda ukoll kemm-il darba ma jkunx inghata l-helsien mil-larrest, l-akkuzat ghandu jingieb quddiem il-qorti ghal-lanqas darba kull hmistax-il gurnata sabiex il-qorti tiddeciedi jekk ghandux jibqa' arrestat*".

"Illi essenzjalment dan ifisser illi filwaqt li quddiem il-Qorti Struttorja, fi stadju ta' kumpilazzjoni, akkuzat igawdi mill-beneficcju ta' garanzija illi ghall-inqas jingieb quddiem il-Qorti kull hmistax-il gurnata, din il-garanzija stranament m'hijiex estiza u m'hijiex applikabbli ghall-akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, in fatti, l-ewwel differiment kien ghal sbatax-il gurnata wara l-ewwel dehra, u l-Qorti tal-Magistrati kellha l-fakulta` illi addirittura tiddiferixxi aktar fit-tul.

"Illi essenzjalment, dan ifisser illi skond il-Ligi kif inhi llum, meta l-Qorti li tkun qed tisma' l-kaz tkun wahda ta' Gudikatura Kriminali u mhux Qorti Struttorja, din l-istess Qorti, m'hijiex marbuta bit-terminu ta' hmistax-il gurnata applikabbli ghall-Qorti Struttorja u tista' fit-termini tal-ligi tiffissa seduti ghas-smiegh anke fit-tul u dan anke meta lakkuzat ikun taht arrest preventiv;

“Illi din hija sitwazzjoni anomala u tiddiskrimina bejn akkuzat quddiem Qorti Struttorja u akkuzat quddiem Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;
“Illi inoltre jigi rilevat li b’mod generali, il-proceduri li fihom l-Avukat Generali jaghti l-kunsens tieghu jew ordni ghall-proceduri sommarji u allura l-Qorti li tisma’ l-kaz tkun dik ta’ Gudikatura Kriminali, ikunu anqas serji u gravi, minn dawk il-proceduri fejn l-Avukat Generali ma jaghtih dan il-kunsens jew ordni skond il-kaz;

“Illi l-esponent umilment jissottometti illi l-garanzija ta’ seduta ta’ smiegh ghall-inqas kull hmistax-il gurnata ghandha tkun estiza ukoll ghall-Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, u illi fin-nuqqas, dan jikser id-drittijiet kostituzzjonali tieghu ai termini tal-Artikolu 34 u 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artiklu 5 u 6 tal-Konvenzjoni tal-Ewropa dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

“Illi inoltre, attwalment, tezisti sitwazzjoni fil-Kodici Kriminali fejn l-Avukat Generali, permezz tal-emendi introdotti ricentement, ghandu l-fakulta` li jitlob revizjoni fil-kazijiet kollha fejn jigi akkordat il-beneficcju tal-helsien mill-arrest, kif ukoll il-fakulta` li jitlob revizjoni tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest, galadarba persuna li titressaq b’arrest tigi akkordata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest.

“Illi pero`, ghall-kuntrarju, persuna li titressaq b’arrest, u tigi michuda it-talba taghha li tinghata l-helsien mill-arrest, u dan bhal fil-kaz odjern, ma ghandha l-ebda dritt jew fakulta` li titlob revizjoni minn Qorti ohra diversament presjeduta, tad-decizjoni ta’ cahda mill-beneficcju talhelsien mill-arrest.

“Illi tenut kont tas-suespost, u f’materja daqshekk sensittiva, bhal ma huwa d-dritt tal- helsien mill-arrest, dan in-nuqqas tal-Ligi, illi takkorda u tippermetti d-dritt u l-fakulta` lil persuna detenuta taht arrest preventiv, li titlob revizjoni ta’ decizjoni ta’ cahda mill-beneficcju tal-helsien mill-arrest, jew ta’ revizjoni tal-kundizzjoni f’kaz ta’ akkoljiment tat-talba minn Qorti ohra diversament presjeduta jammonta ghal ksur ta’ dritt fundamentali ghal

smiegh xieraq, u dan anke minhabba sitwazzjoni cara ta' *inequality of arms*.

"Illi ghaldaqstant, in-nuqqas ta' mekkanizmu li jippermetti li persuna akkuzata dritt u fakulta` ta' revizjoni tad-decizjonijiet dwar il-helsien mill-arrest, bhal ma hu del resto akkordat lill-Avukat Generali, jammontaw ghall-ksur tad-dritt fundamentali ghal smiegh xieraq, dan l-istat ta' fatt huwa leziv ghall-Artikolu 5 u 6 tal-Konvenzjoni tal-Ewropa dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta) u ukoll tal-Artikolu 34 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

"Illi l-ewwel differiment inghata ghal sbatax-il gurnata mill-ewwel udjenza, li jmur oltre mill-garanzija tas-smiegh kull hmistax-il gurnata applikabbli ghall-Qorti Struttorja, illi inoltre sad-differiment li jmiss, wara aktar minn xahar arrestat, ix-xhud principali ser ikun ghadu ma ddeponiex, u ser ikun instema' biss xhud wiehed, u illi inoltre, il-Ligi ma takkordax lill-akkuzat, dak id-dritt akkordat lill-Avukat Generali u cioe' l-fakulta` li jitlob revizjoni ta' din id-decizjoni lill-Qorti Superjuri, il-Qorti Kriminali."

**4.** Ir-rikorrent appellat kompla jsostni fir-rikors promotorju tiegħu li l-fatti minnu rakkontati jagħtu lok għal vjolazzjoni tal-Artikoli 34 u 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikoli 5 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem u talab li jingħata rimedju xieraq u effettiv ghal tali ksur.

**<u>Ir-risposta tal-intimati Avukat Ġenerali, tal-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, u tal-Kummissarju tal-Pulizija</u>**

**5.** Fir-risposta tagħhom tat-23 ta' Settembru 2011 l-intimati Avukat Ġenerali, Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern u l-Kummissarju tal-Pulizija wieġbu li in linea preliminari, peress li permezz ta' din il-proċedura qed jiġu attakati biss provvedimenti tal-liġi, u peress li l-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern u l-Kummissarju tal-Pulizija m'humiex il-fergħa legislattiva tal-Istat, għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju stante li ma jistgħux ikunu leġittimi kontradittturi għat-talbiet tar-rikorrent. Fil-mertu, l-istess

intimati insistew li l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet mogħtija minnhom flr-risposta tagħhom.

**Is-sentenza appellata.**

**6.** Wara li rriproduċiet ir-rikors promotorju tal-ġudizzju u r-risposta tal-intimati l-ewwel Qorti għaddiet biex tiddeċiedi l-kawża fil-mertu kif fuq ingħad[1]. Fis-sentenza tagħha l-ewwel Qorti ma tatx deċiżjoni dwar l-eċċezjoni preliminari tal-intimati dwar l-allegata illeġittimita` passiva tal-intimati Ministru tal-Ġustizzja u tal-Kummissarju tal-Pulizija iżda minn dan in-nuqqas tas-sentenza appellata ma sar ebda appella u anqas ma jirriżulta li sar rikors ghal xi rimedju ieħor potenzjalment disponibbli. Barra minn hekk, is-sentenza appellata ċaħdet l-ewwel ilment tar-rikorrenti in kwantu msejjes fuq iċ-ċirkostanza li filwaqt li persuna li tgħaddi kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti istruttorja kellha tinġieb quddiem il-Qorti għall-anqas darba kull ħmistax-il ġurnata sabiex il-qorti tiddeċiedi jekk għandux jibqa' arrestat, l-istess obbligu ma kienx japplika meta persuna tkun akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali. Minn din il-parti tas-sentenza wkoll ma kien hemm ebda appell u għalhekk din il-Qorti ma għandhiex għalfejn tidħol fil-konsiderazzjonijiet li għamlet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata f'dan ir-rigward.

**7.** Bis-sentenza appellata, iżda, l-ewwel Qorti laqgħet it-tieni ilment tar-rikorrent in kwantu bażat fuq iċ-ċirkostanza li filwaqt li l-Avukat Ġenerali a tenur tal-Artikolu 575A(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali kellu dritt jappella minn deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati li takkorda l-liberta` proviżorja jew sabiex jiġu riveduti l-kundizzjonijiet imposti għall-liberta` proviżorja l-akkużat ma kellux l-istess dritt, u minn din il-parti tas-sentenza appellaw l-intimati Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija. Il-Ministru tal-Ġustizzja ma jirriżultax li appella mis-sentenza tal-ewwel istanza.

---

[1] Ara par. 1 *supra*

**8.** Il-konsiderazzjonijiet relevanti fis-sentenza appellata in kwantu relevanti għall-appell odjern huma s-segwenti:

"Ghar-rigward tat-tieni aggravju, is-sitwazzjoni hi differenti. Hu minnu li la l-konvenzjoni u lanqas il-Kostituzzjoni ma jipprovdu ghal xi dritt ta' appell wara decizjoni ta' qorti li taghti jew tichad il-liberta` provizorja. Dak li jesigu dawn linstrumenti hu li jkun hemm "Qorti" b'kompetenza li tiddeciedi jekk persuna ghandhiex tibqa' arrestata jew le waqt pendenza ta' procedura. Hemm, pero`, principju generali li jirregola l-procedura, u din hi li z-zewg partijiet ghandhom ikollhom l-istess opportunitajiet fit-tmexxija talkaz, principju maghruf bhala "equality of arms". F'dan il-kaz, tul il-process kollu, kemm l-akkuzat kif ukoll il-prosekuzzjoni ghandhom id-dritt jitolbu lill-qorti li qed tisma' l-kaz ir-revizjoni tal-kundizzjonijiet imposti mal-ordni tal-helsien mill-arrest (Artikolu 580 tal-Kodici Kriminali). L-avukat Generali, pero`, ghandu dritt ulterjuri li jressaq appell immedjat kontra l-helsien mill-arrest innifsu u/jew il-kundizzjonijiet imposti, bil-privilegg li l-materja tigi mistharrga bi speditezza u minn gudikant iehor. L-akkuzat ma ghandux dan il-privilegg; jista' jitlob li l-istess Qorti li cahditlu l-arrest jew li imponiet certi kundizzjonijiet biex tvarja d-decizjoni, pero`, ma jistax iressaq il-materja quddiem qorti ohra ppresjeduta b'gudikant differenti. Dan id-dritt li jitlob "review" minn gudikant iehor m'ghandux ikun disponibbli lill-parti wahda tal-process, u ma giex muri raguni valida f'pajjiz demokratiku ghala tezisti dan in-nuqqas ta' trattament.

"Din il-Qorti rat u hadet konjizzjoni tas-sentenza "Stephens v. Malta", deciza mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-2009, pero`, hi tal-opinjoni li hemm differenza netta bejn talba ghal review quddiem l-istess gudikant, u appell ghall-qorti superjuri. Dan mhux kaz li jittratta dwar min ghandu jaghmel stharrig dwar jekk arrest hux validu jew le, kif kien il-kaz ta' "Stephens", izda kaz marbut ma' liberta` provvizorja fejn, ftit jew wisq, jidhol apprezzament soggettiv tac-cirkostanzi relatati mill-gudikant. Fil-waqt li l-Avukat Generali, jekk ma jaqbilx mal-ghoti tal-helsien mill-arrest jew mal-kundizzjonijiet imposti, jista' jfittex stharrig minn persuna ohra, l-akkuzat

ma ghandux din il-fakulta` u jrid jibqa' jfittex rimedju minn dak il-gudikant li jkun diga` qies ic-cirkostanzi materjali u wassal ghall-konkluzjoni sfavorevoli ghalih. Dan id-dritt ta' revizjoni jew appell quddiem gudikant iehor, irid jinghata liz-zewg partijiet, u daqs kemm ma jaghmilx sens li l-Avukat Generali jitlob revizjoni mill-istess qorti li tkun tat id-decizjoni tal-helsien mill-arrest (ara nota tal-osservazzjonijiet tal-intimata f'pagna 10), daqstant iehor ma jaghmilx sens li l-akkuzat jitlob bdil mill-istess qorti li tkun tat decizjoni li tichadlu l-helsien mill-arrest.

"Ir-rimedju ghandu jithalla f'idejn il-Gvern. Dan ghandu jressaq ghall-approvazzjoni tal-Parlament, ligi biex, b'mod jew iehor, tinholoq parita` ta' trattament, billi jew jitnehha d-dritt ta' appell koncess lill-Avukat Generali bl-Artikolu 575A(2)(3) tal-Kodici Kriminali, jew l-istess dritt jinghata ukoll lill akkuzat. Din il-bidla trid issir fi zmien 3 xhur mil-lum."

**<u>L-appell tal-Avukat Ġenerali u tal-Kummissarju tal-Pulizija</u>**

**9.** Ir-rikorrenti Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija ħassewhom aggravati bis-sentenza fuq imsemmija tal-ewwel Qorti tal-20 ta' April 2012 u b'rikors tal-10 ta' Mejju 2012 appellaw minnha quddiem din il-Qorti u talbu li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tħassarha u tirrevokha in kwantu ddeċidiet li l-applikazzjoni tal-Artikolu 575A(2) u (3) tal-Kap. 9 għall-Avukat Ġenerali biss huwa leżiv tad-dritt tar-rikorrent għall-"equality of arms" u in kwantu tat rimedju għal dik il-leżjoni; u tipprovdi minflok billi tiċħad l-istess u tiddikjara li ma hemm ebda ksur ta' dan id-dritt fundamentali, tikkonfermaha fil-kumplament tagħha bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra r-rikorrent appellat.

**10.** L-aggravji tal-appellanti jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

1. (i) l-Artikolu 575A(2) u (3) tal-Kodiċi Kriminali ma humiex applikabbli għall-għall-każ tar-rikorrent peress li l-istess sub-artikoli jirrikjedu li l-persuna imputata trid tkun mixlija b'reat skedat, l-istess persuna trid tkun reċidiva, u

trid tkun instabet ħatja ta' reat skedat b'sentenza li tkun għaddiet in ġudikat skont kif previst fl-Artikolu 575A(1)(a) u (b) tal-istess Kodiċi mentri r-rikorrent appellat, għalkemm imputat ta' reat skedat la hu reċidiv u lanqas ma kien hemm sentenza li għaddiet in ġudikat fil-konfront tiegħu; l-Artikolu *se mai* applikabbli kien l-Artikolu 575 bis-saħħa ta' dak previst bl-Artikolu 575(4).

(ii) ir-rikorrent appellat qatt ma kellu l-liberta` provviżorja tiegħu revokata skont l-Artikolu 575(A) imsemmi u għalhekk qatt ma kien "vittma" ta' dak l-Artikolu.

(iii) minkejja li l-appellat ġie sollecitat aktar minn darba mill-Qorti sabiex jippreċiża l-artikoli tal-liġi li fuqhom kien qiegħed iserraħ l-ilmenti tiegħu dan qatt ma għamlu bil-konsegwenza li l-ewwel Qorti ipprovat tinferixxi hi minn jeddha l-artikoli relevanti bil-konsegwenza li ġiet indotta fl-iżball meta rriteniet li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 575A (2) u (3) kienu applikabbli.

(iv) per konsegwenza tal-premess, l-appellat qatt ma sofra xi preġudizzju b'effett tal-Artikolu 575A (2) u (3) tal-Kodiċi Kriminali u għalhekk qatt ma kellu interess ġuridiku fl-azzjoni minnu ntentata.

2. (i) wara li l-appellant ġibed distinzjoni bejn dritt ta' reviżjoni ta' deċiżjoni dwar liberta` proviżorja u dritt ta' appell minn tali deċiżjoni fejn rritjena li d-dritt li għandu l-Avukat Ġenerali hu dritt ta' reviżjoni u mhux dritt tal-appell, l-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti interpretat u applikat b'mod żbaljat il-kunċett tal-*equality of arms* li ma jfissirx li l-liġijiet u l-Qrati għandhom jaqtgħu linja dritta u riġida fir-rigward tad-drittijiet tal-partijiet in kawża imma jfisser li fl-assjem tal-proċeduri jinżamm bilanċ bejn id-drittijiet tal-partijiet u l-opportunitajiet li jkollhom fil-kuntest tal-proċeduri kollha;

(ii) id-dritt tal-Avukat Ġenerali għal reviżjoni tad-deċiżjoni dwar il-liberta` proviżorja huwa bilanċjat bid-dritt tal-persuna imputata li meta trid u għal numru ta' okkażżjonijiet bla limitu jitlob il-ħelsien mill-arrest f'kull waqt tal-kawża kemm mill-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll mill-Qorti Kriminali skont jekk fil-mument tat-talba l-imputat

ikun jew għandu jkun detenut, apparti d-dritt tiegħu li meta jrid jitlob il-ħelsien mill-arrest jekk jallega li l-kontinwazzjoni tad-detenzjoni tiegħu ma tkunx skont il-liġi;

(iii) fl-eżerċizzju tal-ibbilanċjar tal-interessi involuti jrid jittieħed qis li fil-materja ta’ liberta` provviżorja ma hemmx sempliċement l-interessi ta’ individwu (l-imputat) fil-konfront ta’ individwu ieħor (l-Avukat Ġenerali) iżda hemm ukoll l-interessi tas-soċjeta` in ġenerali u tar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja li jridu jiġu salvagwardati in kwantu li l-komunita` għandha interess li jkollha s-sigurta` tagħha mħarsa u waqt li ċ-ċaħda tal-ħelsien mill-arrest taffettwa lill-individwu konċernat l-għoti tal-ħelsien mill-arrest timpatta fuq il-komunita` in ġenerali inklużi l-vittmi tar-reati;

(iv) kuntrarjament għal dak ritenut mill-ewwel Qorti, l-insenjament u l-konklużjonijiet tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza tagħha fil-każ **Stephens v. Malta** (No. 1)[2] huwa ugwalment applikabbli għall-każ odjern u f’dak il-każ ġie ritenut li fiċ-ċirkostanzi mhux talli d-dritt tal-Avukat Ġenerali għal reviżjoni mill-Qorti tal-Appell Kriminali tad-deċiżjoni dwar liberta` provviżorja ma kienx jammonta għal *inequality of arms* talli proċeduralmet fil-materja l-akkużat kellu salvagwardji akbar u rrimarkat li l-applikant seta’ jitlob il-liberta` proviżorja kemm-il darba ried u l-fatt li t-talbiet tiegħu setgħu ripetutament jiġu determinati mill-istess maġistrat ma kienx inkompatibbli mal-Konvenzjoni;

3. ir-rimedju ordnat mill-ewwel Qorti huwa wieħed inkongruwu għaliex l-Artikolu 575A (2) u (3) ma huwiex applikabbli għall-appellant u għalhekk l-appellat ma jistax jingħata dwaru l-istess dritt mogħti lill-Avukat Ġenerali ta’ reviżjoni quddiem il-Qorti Kriminali f’każijiet li ma jirrigwardawx lill-appellat, apparti wkoll li sa minn żmien ferm qabel is-sentenza appellata l-appellat kien ilu li ħareġ bil-liberta` provviżorja u l-Avukat Ġenerali ma talabx ir-reviżjoni tal-kondizzjonijiet imposti għal-liberta` provviżorja u għalhekk hu inkonċepibbli kif r-rimedju msemmi jista’

[2] 21/4/2009

qatt ikun effettiv fil-każ tal-appellat u anzi huwa wieħed ormai totalment inutili u rrelevanti għall-każ tal-appellat;

4. l-ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra u tiddeċiedi l-eċċezzjonijiet tal-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern u tal-Kummissarju tal-Pulizija dwar l-illeggittimita` passiva tagħhom li kellha twassal sabiex jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

**Ebda risposta mill-appellat Conrad Axisa**

**11.** Quddiem din il-Qorti ma ġiet preżentata ebda risposta mill-appellat Conrad Axisa għar-rikors tal-appell.

**Fatti tal-kawza**

**12.** Mill-atti ebda prova tal-fatti tal-każ ma tirriżulta. Il-fatti allegati, iżda mhux pruvati, fir-rikors promotorju tal-ġudizzju jikkonsistu filli r-rikorrent tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-5 ta' Awwissu (preżumibilment tal-2011, għalkemm anqas sa daqshekk ma jingħad) akkużat b'reati kontra l-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi u reati kontra l-persuna. Dakinhar ir-rikorrent appellat ma ingħatax il-ħelsien mill-arrest prinċipalment, skont l-appellant, għar-raġuni li x-xhud prinċipali ma nġabx jixhed mill-Pulizija. Il-kawża ġiet appuntata biex tinstema' fit-22 ta' Awwissu 2011 fl-10.30 am f'liema data l-Qorti ddeċidiet li l-allegat xhud prinċipali ma kienx xhud kompetenti f'dak l-istadju. It-talba tar-rikorrent appellat għall-ħelsien mill-arrest ġiet għal darb'oħra miċħuda "minħabba biża ta' intralċ ta' provi". Dawn huma l-fatti allegati.

**Konsiderazzjonijet ta' din il-Qorti**

***Preliminari***

**13.** Għal darb'oħra din il-Qorti hi sbalordita bin-nuqqas assolut ta' provi f'dan il-każ. Anqas prova waħda ma ġiet prodotta, la mir-rikorrent appellat u anqas mill-intimati appellanti. Anqas ġiet mitluba l-allegazzjoni tal-atti kriminali li minnhom emerġiet l-azzjoni odjerna jew tal-

anqas ġew prodotti kopji tal-atti relevanti għall-finijiet tal-kawża ta’ llum. Baħħ assolut. Mhux hekk biss, iżda, r-rikorrent jidher li kkuntenta u llimita ruħu filli sempliċement jintavola r-rikors promotur imbgħad ħalla l-proċeduri jimxu waħedhom. L-ewwel Qorti f’żewġ okkażjonijiet ordnatlu jippreżenta nota biex jispjega aħjar il-pretensjonijiet tiegħu iżda baqa’ ma ppreżenta ebda nota. Ingħata wkoll l-okkazzjoni jispjega ruħu fin-nota tal-osservazzjonijiet li ngħata l-fakulta` jippreżenta mill-Qorti iżda hawn ukoll reġa’ naqas milli japprofitta ruħu minn din il-fakulta`. Barra minn hekk, wara li sar ir-rikors tal-appell ir-rikorrent appellat anqas biss indenja ruħu jippreżenta risposta għall-appell. Inerżja totali.

**14.** Tenut kont tal-fatt li r-rikorrent appellat ma ntavola ebda appell mis-sentenza appellata u anqas wieġeb għar-rikors tal-appell tal-intimati din il-Qorti jkollha tikkonkludi li l-ewwel Qorti identifikat tajjeb il-pretensjonijiet tiegħu u li dak li ddeċidiet kien in linea ma’ dak li kien qiegħed jippretendi l-istess rikorrent appellat.

**15.** Il-Qorti inoltre tirrepeti li l-kawżi kostituzzjonali ma humiex eżerċizzji akkademiċi sabiex fihom jiġi eżaminat xi punt legali fl-astratt u l-Qorti tagħti l-opinjoni tagħha dwaru, iżda f’kawża kostituzzjonali, li bħall-kawża odjerna ma tkunx tinkwadra bħala *actio popolaris,* persuna interessata tilmenta minn fatti, li jridu jiġu pruvati, li permezz tagħhom allegatament ikun ġie miksur xi dritt fundamentali tagħha liema allegazzjoni tkun kontrastata mill-persuna intimata u l-Qorti tiġi mitluba tiddeċiedi l-vertenza li konsegwenzjalment tkun żviluppat. Minn dan kollu f’din il-kawża min għamel l-allegazzjoni anqas biss l-iċken prova ma ressaq u prattikament, ħlief għall-allegazzjoni fir-rikors promotur, ma għamel ebda sforz biex isostni l-allegazzjoni tiegħu. L-ewwel Qorti tħalliet tindovina hi x’kienu fis-sustanza tagħhom l-ilmenti tar-rikorrent u tħalliet waħedha sabiex tipprova tifhem minn x’hix kien qiegħed jilmenta r-rikorrent b’konsegwenzi ferm infeliċi. L-ewwel Qorti di fatti evidentement sabitha ferm diffiċli tifhem preċiżament minn xhix kien qiegħed jilmenta l-appellant u biex tidentifika l-artikoli tal-liġi li minnhom kien qiegħed jilmenta u r-raġunijiet għaliex. Di fatti, li ma

kienetx għan-nota tal-osservazzjonijiet tal-intimati fil-prim istanza u għall-kontenut tar-rikors tal-appell din il-Qorti ftit li xejn kien ikollha fuq hix tirregola ruħha sabiex tasal għad-deċiżjoni tagħha.

**16.** L-appellanti, iżda, ma ssollevaw ebda aggravju f'dan ir-rigward u għalhekk din il-Qorti ser ikollha tinferixxi l-fatti tal-każ mill-fatti allegati u mhux kontestati mill-kontropartijiet fis-sottomissjonijiet li saru matul il-kors ta' dawn il-proċeduri kemm fir-rikors promotorju tal-ġudizzju kif ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati tas-26 ta' Marzu 2012 u fir-rikors tal-appell tas-16 ta' Mejju 2012, u dan sabiex tevita li sempliċement tarmi 'l barra l-ilmenti kostituzzjonali magħmula mir-rikorrent fuq il-bażi ta' nuqqas ta' provi.

**17.** Il-Qorti ser għalhekk tikkonsidra pruvati l-fatti allegati kif deskritti aktar qabel f'din is-sentenza[3] anki għaliex dawn ma ġewx kontestati mill-intimati appellanti.

***Nuqqas ta' interess ġuridiku minħabba l-inapplikabilita` tal-Artikolu 575A(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali għall proċeduri kriminali kontra r-rikorrent appellat***

**18.** Fl-ewwel aggravju tagħhom l-appellanti jsostnu li l-Artikolu 575A(2) u (3) tal-Kodiċi Kriminali, li l-ewwel Qorti jidher li rriteniet li kienu leżivi tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u 39 tal-Kostituzzjoni, ma kienu qatt applikabbli għall-każ tal-appellat li għalhekk qatt ma bata xi preġudizzju minħabba d-dispożizzjonijiet tagħhom u konsegwentement ma għandu ebda interess ġuridiku sabiex jimpunjhom kostituzzjonalment.

**19.** Is-subartikoli (2) u (3) tal-Artikolu 575A huma subartikoli ta' dak l-artikolu għaliex huma pedissekwi għal dak provdut fis-subArtikolu (1) tal-istess artikolu u għalhekk huma applikabbli biss fl-eventwalita' li jkun applikabbli l-istess subArtikolu (1). Is-subArtikolu (1) tal-

[3] Ara # 12

Artikolu 575A huwa applikabbli meta l-Qorti tordna l-ħelsien mill-arrest ta' persuna li –
"(a) tkun akkużata b'reat skedat u li tkun reċidiva skont l-artikoli 50 u 51; u

"(b) tkun ġiet qabel misjuba ħatja ta' reat skedat b'sentenza li tkun għaddiet b'ġudikat".

**20.** Biex reat jikkwalifka bħala reat skedat irid ikun wieħed li jikkwalifika bħala tali taħt l-Iskeda D tal-Kodiċi Kriminali. Skont dik l-iskeda ir-reati relevanti huma:
"(a) kull delitt li dwaru hemm piena ta' żmien massimu ta' priġunerija ta' disa' snin jew aktar;

"(b) id-delitti kkontemplati fl-Artikoli 198 sa 207, 216(1)(a), (b), (ċ) u (e), 217, 262(1)(a) u (b), u 263 ta' dan il-Kodiċi [ċioe` l-Kodiċi Kriminali] (minbarra l-użu illeġittimu jew il-konsum ta' servizz);

"(ċ) kull serq li jsir kontra persuna taħt l-eta` ta' tnax-il sena jew li jkollha iżjed minn sittin sena minbarra s-serq ta' vetturi."

**21.** Ma ġiex muri, u anqas ġie allegat, li r-reat li bih kien akkużat ir-rikorrent appellat kien wieħed skedat kif previst fl-Artikolu 575A(2). Anqas jirriżulta, u anqas ġie allegat, li r-rikorrent appellat kien reċidiv meta ġie akkużat, u la rriżulta u anqas ġie allegat li r-rikorrent appellat qabel ġie akkużat kien ġie misjub ħati ta' reat skedat b'sentenza li kienet għaddiet in ġudikat. Għalhekk hu minnu li l-Artikolu 575A tal-Kodiċi Kriminali ma kienx applikabbli għar-rikorrent appellat meta ġie akkużat.

**22.** Il-premess ifisser li l-Avukat Ġenerali ma seta' qatt jipprevalixxi ruħu mill-fakulta` ta' "appell" jew "reviżjoni" moghtija lilu fl-Artikolu 575A(2) u għalhekk is-subartikoli (2) u (3) tal-Artikolu 575A ma jagħtu ebda setgħa lill-Avukat Ġenerali fil-proċeduri kriminali kontra r-rikorrent appellat. Ir-rikorrent appellant, għalhekk ma għandu ebda interess ġuridiku dirett u personali sabiex jimpunja is-subartikoli msemmija.

**23.** Kif ġia` ġie determinat minn din il-Qorti diversament preseduta[4] fi kawżi li fihom jiġi allegat xi ksur ta' dritt fundamentali taħt il-Kostituzzjoni r-rikorrent jeħtieġlu juri li għandu "interess personali b'appoġġ għall-azzjoni tagħha". Dan mhux biss hu dettat mill-prinċipji ġenerali tad-Dritt iżda tesiġih il-Kostituzzjoni stess *a contrariu sensu* ta' dak previst fl-Artikolu 116 tagħha fejn l-eżenzjoni mill-ħtieġa li persuna turi interess personali b'appoġġ għall-azzjoni tagħha hi espressament ristretta għal azzjonijiet għal dikjarazzjoni li liġi tkun invalida għal raġunijiet mhux ta' inkonsistenza mal-Artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni u l-azzjonijiet tal-aħħar tip huma espressament eċċettwati minn din l-eżenzjoni. Dan hu wkoll konformi mal-Artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni li jirregola t-twettiq tad-disposizzjonijiet protettivi tad-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-individwu taħt il-Kostituzzjoni u jipprovdi li rimedju taħt l-istess Artikolu jista' jintalab meta persuna tallega li xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-Artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni "tkun ġiet, tkun qed tiġi jew tkun x'aktarx ser tiġi miksura dwarha" (sottolinear tal-Qorti).

**24.** In kwantu għal allegazzjonijiet ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tal-individwu sanċiti mill-Konvenzjoni taħt il-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta is-sitwazzjoni hi legalment indentika mhux biss skont il-prinċipji ġenerali tad-Dritt li huma applikabbli għal kull azzjoni taħt xi liġi ordinarja bħal ma huwa l-Kap. 319 iżda wkoll in vista ta' dak previst fl-Artikolu 4(1) tal-istess Kap. li wkoll jipprovdi fil-parti relevanti tiegħu li rimedju taħt l-istess Artikolu jista' jintalab meta persuna tallega xi wieħed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali "jkun ġie, ikun qed jiġi jew ikun x'aktarx ser jiġi miksur dwarha".

**25.** Għalhekk, in vista tal-fatt li jirriżulta li r-rikorrent appellat ma weriex li għandu xi interess personali fl-azzjoni intentata minnu din il-Qorti qed tilqa' dan l-aggravju tal-appellanti.

[4] Ara Q. Kost. H. Vassallo & Sons Limited v. Avukat Ġenerali et #22

**26.** Tenut kont tal-konklużjoni appena raġġunta dwar l-ewwel aggravju ma hemmx il-ħtieġa li din il-Qorti tindirizza l-aggravji l-oħra tal-appellanti dwar is-sentenza appellata fil-mertu jew ir-raba' aggravju ta' natura proċedurali rigwardanti l-appellant Kummissaru tal-Pulizija dwar in-nuqqas tal-ewwel Qorti li tiddeċiedi l-eċċezzjoni tiegħu ta' nuqqas ta' leġġittimita` passiva tiegħu.

**27.** Jibqa' l-ħtieġa, iżda, li din il-Qorti tiddelibera dwar ir-raba' aggravju msemmi in kwantu jirrigwarda n-nuqqas tal-ewwel Qorti li tiddeċiedi l-istess eċċezzjoni msemmija ta' nuqqas ta' leġittimita` passiva iżda din id-darba dwar il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern. Dan hu neċessarju għaliex, stranament, il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern ma hux fost l-appellanti u għalhekk il-konsiderazzjonijiet li għadhom kif saru filwaqt li jiswew għal min appella ma jiswewx għal min ma appellax mis-sentenza tal-ewwel Qorti.

**28.** In kwantu għal dan l-aggravju din il-Qorti tirrileva li dan ġie sollevat biss mill-appellanti u għalhekk jista' jiġġiova biss lil min issollevah u mhux lill-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern li ma hux fost l-appellanti u għalhekk ikun inutili li din il-Qorti tindirizzah in kwantu jikkonċerna lill-Ministru msemmi.

**29.** Inoltre, dak li effettivament qed jilmentaw minnu l-appellanti huwa l-*omissa decisione* fuq l-eċċezzjoni tal-illegittimita` passiva iżda l-Artikolu 235 tal-Kap. 12 jipprovdi li ma jingħatax appell *ab omissa decisione* għalkemm hu mogħti r-rimedju previst fil-proviso tal-istess Artikolu liema rimedju ma jirriżultax li ġie adoperat mill-appellanti jew mill-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern.

**30.** B'danakollu l-interessi tal-Gvern milquta b'din il-kawza huma bizzejjed rapprezentati mill-konvenuti l-ohrajn skont l-Artikolu 181B tal-Kap. 12 u ghaldaqstant in-nuqqas tal-Ministru li appella m'ghandux konsegwenzi prattici u huwa biss ta' interess akkademiku.

**31.** Barra minn hekk, il-Qorti tosserva li skont l-Artikolu 238(2) tal-Kap. 12 it-tħassir ta’ sentenza f’sede ta’ appell tiswa wkoll lil dawk
“(a) illi jkollhom interess dipendenti essenzjalment minn dak tal-parti li fuq talba tagħha jkun ġie mogħti t-tħassir jew it-tibdil tas-sentenza;

“(b) illi, f’kawza fuq ħaġa indivizibbli, ikunu atturi jew konvenuti mal-parti li fuq talba tagħha jkun ġie mogħti t-tħassir jew it-tibdil tas-sentenza;

“(ċ) illi bis-sentenza mħassra jew imbiddla, ikunu ġew ikkundannati in solidum mal-parti li fuq talba tagħha jkun ġie mogħti t-tħassir jew it-tibdil tas-sentenza

“Iżda t-tħassir jew it-tibdil ta’ sentenza ma jiswiex favur il-persuni msemmija fil-paragrafi (b ) u (ċ), jekk dak it-taħsir jew tibdil ikun ġie mogħti għal raġunijiet li jmissu biss lill-parti li tkun talbet it-tħassir jew tibdil.“

**DECIDE**

Għall-motivi premessi din il-Qorti qegħdha tilqa’ l-appell, tħassar is-sentenza appellata u minflok tiddikjara li r-rikorrent appellat ma għandux interess ġuridiku personali fil-promozzjoni tal-azzjoni odjerna u konsegwentement tillibera lill-intimati appellanti mil-osservanza tal-ġudizzju.

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu mir-rikorrent appellat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------